

- 2) Id-digriet tat-22 ta' Ottubru 2021, Civitta Eesti/Commission (T-665/21 R) huwa rrevokat.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Jannar 2022 – ICA Traffic vs Il-Kummissjoni
(Kawża T-717/21 R)

(“Miżuri provviżorji – Kuntratti pubbliċi – Provvista ta’ robots tad-diżinfekzzjoni – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta’ urġenza”)

(2022/C 119/69)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: ICA Traffic GmbH (Dortmund, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Hertwig u C. Vogt, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Mantl, B. Araujo Arce u M. Ilkova, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata ma tkomplex bl-akkwist, imħabbar mill-istqarrija għall-istampa tagħha tal-21 ta' Settembru 2021, ta' 100 robot ta' diżinfekzzjoni addizzjonali abbażi tal-konklużjoni ta' wieħed mill-kuntratti qafas li jirrigwardaw il-kunsinna ta' numru massimu ta' 200 robot ta' diżinfekzzjoni u, min-naħa l-oħra, għall-għoti ta' kwalunkwe miżura provviżorja neċċessarja għas-salvagwarda tal-istatu quo.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Jannar 2022 – Společnost pro eHealth databáze vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-731/21 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Ftehim ta’ sussidju konkluż fil-kuntest tal-Programm Qafas għall-Innovazzjoni u għall-Kompetittività (2007 sa 2013) – Irkupru tas-somom imħallsa – Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Nuqqas ta’ urġenza”)

(2022/C 119/70)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrent: Společnost pro eHealth databáze, a.s. (Praga, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: P. Konečný, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Estrada de Solà, B. Araujo Arce u J. Hradil, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 6597 final tat-2 ta' Settembru 2021 dwar l-irkupru mingħand ir-rikorrenti tas-somma ta' EUR 861 263 flimkien mal-interessi moratorji kif ukoll ta' ammont għal kull jum ta' dewmien b'effett mill-1 ta' Ottubru 2021.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2022 – uwe JetStream vs EUIPO (JET STREAM)

(Kawża T-14/22)

(2022/C 119/71)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: uwe JetStream GmbH (Schwäbisch Gmünd, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Schneider, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea "JETSTREAM" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 20 809 111

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Novembru 2021 fil-Każ R 1092/2021-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata kif ukoll id-deċiżjoni tal-ewwel istanza tal-15 ta' Diċembru 2020 u tad-29 ta' April 2021;
- tawtorizza l-estensjoni tal-protezzjoni tar-reġistrazzjoni internazzjonali Nru 0809111 fid-dawl tar-reġistrazzjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Jannar 2022 – Polynt vs ECHA

(Kawża T-29/22)

(2022/C 119/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Polynt SpA (Scanzorosciate, l-Italja) (rappreżentanti: C. Mereu u S. Abdel-Qader, avukati)

Konvenut: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-ECHA tad-9 ta' Novembru 2021 fil-Kawża A-009-2020;
- tiddikjara – jew tikkundanna lill-ECHA tadotta deċiżjoni ġdida li tiddikjara – li r-rikorrenti hija eżentata mill-obbligu li ttipprovdi kwalunkwe informazzjoni ulterjuri lill-ECHA wara l-waqfien tal-produzzjoni minħabba forza maġġuri; u